# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 639/2016/LSO**

**Portomaso Leasing Company Limited (C 33110)**

**vs**

**1) Brian O'Higgins (Great Britain Passport bin-numru N 028270) u**

**2) Mary O'Higgins (Great Britain Passport bin-numru T 458041)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Portomaso Leasing Company Limited (C 33110) datat 1 ta' Awwissu 2016 fejn bil-gurament taghha l-Avukat Dottor Carole Zammit Montebello (ID 455583M), ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici kkonfermat u ddikjarat :-

Illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi l-mahzen bin-numru "4UP111" gja "S1001" li jinsab gewwa l-*carpark* sottostanti l-*Portomaso Complex,* u li wkoll jifforma parti mill-imsemmi Portomaso Complex, Portomaso, San Giljan u liema mahzen jinsab muri bil-kulur roza fuq l-annessa pjanta li qed tigi mmarkata bhala Dokument "A";

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jivvakkaw mill-imsemmi mahzen baqghu ghal kollox inadempjenti;

Illi l-esponenti *nomine*, debitament awtorizzata biex tidher ghas-socjeta' rikorrenti f'dawn il-proceduri ghal kull *buon fini* tiddikjara li hi taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimati jizgombraw fi zmien qasir u perentorju li joghgobha timponi dina l-istess Onorabbli Qorti mill-fond ossia mahzen bin-numru "4UP111" gja "S1001" li jinsab gewwa l-*carpark* sottostanti l-*Portomaso Complex,* u li wkoll jifforma parti mill-imsemmi Portomaso

Complex, Portomaso, San Giljan u liema mahzen jinsab muri bil-kulur roza fuq l-annessa pjanta li qed tigi mmarkata bhala Dokument "A";

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, kompriz kull azzjoni ghar-rizarciment tad-danni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Jonathan de Maria ghas-socjeta` attrici. Xehdet bil-gurament taghha Dr Carole Zammit Montebello, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr de Maria ddikjara li ma kellux provi ulterjuri f'dan l-istadju, billi z-zewg intimati huma kontumaci, u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet t-talba b'dan illi awtorizzat lill-intimati sabiex fi zmien wiehed u ghoxrin (21) jum minn dan il-verbal jressqu nota ta' sottomissjonijiet bil-lingwa Ingliza, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qed titlob li l-intimati jigu zgumbrati mill-fond ossia mahzen bin-numru "4UP111" gja "S1001" li jinsab gewwa l-carpark sottostanti

l-Portomaso Complex peress li qed jokkupawh minghajr titolu validu fil-ligi.

Illi l-intimati Brian U Mary O' Higgins huma kontumaci u naqsu ukoll milli jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom b'nota wara li gew moghtija din il-fakolta` mill-Qorti permezz tal-verbal tad-9 ta' Novembru 2017.

**Fatti**

Illi s-socjeta rikorrenti qed tikkontendi li l-intimati qed jiddetjenu l-imsemmi fond, li jidher immarkat fuq pjanta annessa Dok A bil-kulur roza. Gie sostnut, li ghalkemm debitament interpellati biex jivvakaw l-imsemmi fond, l-intimati baqghu inadempjenti, b'hekk is-socjeta rikorrenti kellha tipprocedi bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Dr. Carole Zammit Montebello** li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta rikorrenti xehdet (fol 84-85) u kkonfermat li l-intimati qed jiddetjenu l-imsemmi fond minghajr titolu u l-pozizzjoni ghadha hekk.

**Konisderazzjonijiet ta' Dritt:**

Illi l-intimati, anke wara li debitament notifikati *ai termini* tal-Artikolu 15(1) tal-Avvz Legali 279/2008 (LS12.09) u tal-EU Council Regulation 1393/2007, naqsu li jipprezentaw ir-risposta u ghalhekk huma kontumaci skont il-ligi.

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimati O'Higgins huma kontumaci dan ma jfissirx li s-socjeta rikorrenti m'ghandhiex tipprova l-kaz taghha. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Jigi rilevat li wara r-rikors odjern, l-intimati gew notifikati b'dan ir-rikors izda, baqghu ma wegbux.

Nonostante l-kontumacja tal-intimati, jibqa' dejjem jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti li tipprova li t-talba taghha hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt. Illi s-socjeta rikorrenti ipprezentat kopja ta' pjanta annessa mar-rikors promotur, bhala Dok A, fejn jidher l-mahzen in kwistjoni appartenenti lis-socjeta rikorrenti, kif ikkonfermat mir-rapprezentant guridiku tas-socjeta rikorrenti, Dr. Carol Zammit Montebello. L-istess xhud ikkonfermat bil-gurament, li l-intimati qatt ma kellhom titolu u mghandhomx titolu fuq l-imsemmi mahzen, fil-kumpless ta' Portomaso San Giljan. Illi s-socjeta rikorrenti qed issostni fir-rikors taghha, li l-intimati qed jokkupaw l-imsemmi fond minghajr titolu validu fil-ligi. Difatti, ma jirrizulta bl-ebda mod li hemm jew qatt kien hemm kirja vigenti bejn il-partijiet f'dan il-kaz.

Fid-dawl tal-premess u wara ezami tal-atti tal-kaz, din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji t-talba tas-socjeta rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-imsemmi fond ossia mahzen bin-numru "4UP111" gja "S1001" li jinsab gewwa l-*carpark* sottostanti l-*Portomaso Complex,* u li wkoll jifforma parti mill-imsemmi Portomaso Complex, Portomaso, San Giljan , liema mahzen jinsab muri bil-kulur roza fuq il- pjanta esebita in atti u mmarkata bhala Dokument "A"; fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez - inkluz l-ispejjez dawk tan-notifika permezz tac-certificate of service Dok G, kif awtorizzat b'digriet datat 17 ta' Ottubru 2017- jithallsu mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**